MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 253/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Darren Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Darren Cassar talli fit-28 ta’ Marzu 2008 ghall-habta ta’ 03:00 hrs f’Labour Road, Zabbar:

(1) Saq il-vettura Nru. EAX-924 kontra sinjali tat-traffiku indikati f’dik il-lokalita`;

(2) Saq l-imsemmija vettura Nru. EAX-924 b’manjiera traskurata;

(3) Saq l-imsemmija vettura Nru. EAX-924 b'manjiera perikoluza;

(4) Saq l-imsemmija vettura Nru. EAX-924 b'manjiera bla kont;

(5) Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontrol ta' vettura Nru. EAX-924 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

(6) Saq, ipprova jsuq jew kellu kontrol tal-vettura Nru. EAX-924 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita tordna li l-imsemmi Darren Cassar jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Lulju 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) u 15B tal-Kap. 65 u r-Reg. 2 tal-A.L. 94/1969, ma sabitx lill-imsemmi Darren Cassar hati tal-hames imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta' l-ewwel, ir-raba' u sitt imputazzjonijiet filwaqt illi astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet ghax alternattivi ghar-raba' imputazzjoni l-imputazzjonijiet u kkundannatu sebgha u erbghin euro (€47) ammenda ghall-ewwel imputazzjoni, mija hamsa u sebghin euro (€175) multa ghar-raba' imputazzjoni u erba' mija sitta u sittin euro (€466) multa ghas-sitt imputazzjoni,u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 15H(2) tal-Kap. 65 skwalifikatu milli jkollu jew jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Darren Cassaripprezentat fil-5 ta' Awissu, 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu l-astensjoni ghar-rigward it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, is-sejbien ta' htija taht ir-raba'

imputazzjoni u l-liberazzjoni fuq il-hames imputazzjoni u tirrevoka s-sejbien ta' htija taht l-ewwel u s-sitt imputazzjoni u tilliberah minnhom u minn kull htija skond il-ligi u fil-kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija tal-esponenti taht l-ewwel u s-sitt imputazzjonijiet u tilliberah minnhom u minn kull htija skond il-ligi u fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija tieghu taht l-ewwel u s-sitt imputazzjonijiet li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra ohra inqas skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel imputazzjoni hija mezz ghall-fini tar-raba' imputazzjoni u ghaldaqstant ai termini ta' l-artikolu 17(f)(h) ma kellux jinghata piena specifika ghas-sejbien ta' htija taht l-ewwel imputazzjoni; (2) il-provi dwar is-sitt imputazzjoni kienu konfliggenti u kellu jigi lliberat minn dik l-imputazzjoni; (3) bla pregudizzju, l-ewwel Qorti kellha tiskwalifikah biss milli jkollu jew jikseb xi licenza tas-sewqan biex isuq karozza u mhux ghall-iskwalifika ta' "xi licenza tas-sewqan".

Permezz ta' nota pprezentata fl-1 ta' April 2009 *seduta stante* l-appellant irtira t-tielet aggravju u ghaldaqstant din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet aggravju.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant ghandu ragun. Difatti – u dan hu evidenti mix-xiehda moghtija permezz ta' affidavit minn P.C. 572 Antoine D'Amato u P.C. 941 Mario Schembri – il-fatt li wassal ghar-reat fl-ewwel imputazzjoni huwa l-istess fatt li wassal ghar-reat kontemplat fir-raba' imputazzjoni. Jigifieri hawn si tratta ta' konkors formali ossia ideali ta' dawn iz-zewg reati u huwa applikabbli l-paragrafu (h) ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kwantu ghat-tieni aggravju l-appellant jaghmel numru ta' sottomissjonijiet. Jghid li l-prosekuzzjoni kellha provi konfliggenti. Hekk, ir-*road side test* immarka 42 ug (mhux mg kif indikat fir-rikors ta' appell) mentri dawk li ttiehdu gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija taw rizultati inverosimili – l-ewwel test ta rizultat inkonklussiv mentri t-tieni test ta rizultat l-ewwel ta' 72 ug u wara ta' 76 ug. L-appellant jghid li r-*reading* tar-*road side test* ma eccediex il-limitu preskritt mil-ligi (43 ug), filwaqt li r-rizultati tat-testijiet li saru gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija – siegha u hames minuti wara r-*road side test* – taw figuri kompletament differenti li la fil-fatt u l-anqas fix-xjenza ma jistghu jigu spjegati. Sakemm kien fil-kustodja tal-Pulizija, l-appellant la kiel u l-anqas xorob. L-appellant kompla jghid li huwa fatt maghruf li filwaqt li l-*absorption rate* tal-alkohol fil-gisem tvarja minn persuna ghal persuna, xorta wahda jibqa' l-fatt li bit-trapass tal-hin l-ammont tal-proporzjon ta' alkohol fin-nifs jonqos u mhux jizdied, salv fil-kaz ta' konsum ta' ikel qabel jew waqt il-konsum tal-alkohol. Pero` ma saret ebda prova li kien ghadu kif kiel qabel jew waqt li kien qieghed jixrob jew qabel ma beda jsuq lura lejn daru u/jew li sakemm kien f'idejn il-Pulizija huwa kiel xi ikla. L-appellant jghid li jekk jigi skartat dan kollu u wiehed jistrieh biss fuq it-testijet li saru gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, huwa jemmen li t-testijiet mhumiex tajbin ai fini tal-procedura penali. Jirreferi f'dar-rigward ghall-affidavit ta' l-Ispettur Simon Galea fejn jghid li kellu jaghmel aktar minn test wiehed u li l-ewwel test ta *reading* wiehed biss. Ma ngabet l-ebda prova li l-appellant stess seta' kien il-kagun li l-ewwel test ta rizultat inkonklussiv. L-appellant ghalhekk jistaqsi kemm kien qieghed jahdem tajjeb l-apparat uzat biex jittiehdu t-testijiet, dan ghaliex fiz-zewg *test records* l-anqas ma hemm qbil bejn is-*simulator check*. Di piu`, ikompli l-appellant, l-anomaliji jkomplu jizdiedu meta wiehed iqis li l-ewwel rizultat li mmarka 72 ug sar fl-4.17.27 a.m. u t-tieni wiehed li marka 72 ug sar fl-4.28.39, pero` f'temp ta' minuta wahda dan l-apparat ta *reading* ta' 76 ug fit-test li sar fl-4.29.26.

Din il-Qorti rreferiet fid-dettal ghas-sottomissjonijiet ta' l-appellant peress illi, kif anke accettat l-abbli prosekutrici,

hemm dubju dwar il-validita` tat-testijiet li saru fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghaliex meta sar l-ewwel test hareg rizultat wiehed. Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghaliex meta sar it-tieni test hargu rizultati differenti. Ma hemm l-ebda prova li tindika raguni fattwalment u xjentifikament valida ghaliex bejn ir-*road side test* – li kien entro l-limiti stabbiliti mil-ligi – u t-testijiet fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija kien hemm diskrepanza kbira ta' mill-inqas 30 ug. F'dawn ic-cirkostanzi l-appellant kellu u ghandu jinghata l-beneficcju tad-dubju. Ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tas-sitt imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' ammenda ta' sebgha u erbghin euro (€47) ghall-ewwel imputazzjoni u minflok tiddikjara din l-imputazzjoni assorbita fir-raba' imputazzjoni, tirrevokaha wkoll in kwantu, ghas-sitt imputazzjoni, ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' erba' mija sitta u sittin euro (€466) u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 15H(2) tal-Kap. 65 skwalifikatu milli jkollu jew jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------